

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Forta spółka z o.o.

Konvenut: Dyrektor Izby Skarbowej w Gdyni

**Domanda preliminari**

L-Artikolu 1(11) tad-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Ġunju 1998, li tistabbilixxi proċedura dwar l-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tal-istandardi u rregolamenti tekniċi u r-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika (ĠU Edizzjoni Specjalni bil-Malti, Kapitolo 13, Vol. 20, p. 337, kif emenda) għandu jiġi interpretat fis-sens li dispożizzjoni ta' li ġi tiprojebxi l-ħruġ ta' awtorizzazzjoniet relatati mal-aktivitajiet ta' logħob awtomizzat b'rebħ żgħir taqa' taħbi "regolamenti tekniċi" li l-abbozzi tagħhom għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 8(1) ta' din id-direttiva?

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Nejvysshí Správní Soud (Repubblika Ċeka) fil-11 ta' Mejju 2011 — Star Coaches s.r.o. vs Finanční ředitelství pro hlavní město Prahu**

(Kawża C-220/11)

(2011/C 219/10)

Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek

**Qorti tar-rinvju**

Nejvysshí Správní Soud

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Star Coaches, s.r.o.

Konvenuta: Finanční ředitelství pro hlavní město Praha

**Domandi preliminari**

- (1) L-Artikolu 306 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (<sup>(1)</sup>) jaapplika biss fuq servizzi pprovduti minn aġenziji tal-ivvjaġġar lill-konsumaturi finali ta' servizz tal-ivvjaġġar (lill-passiġġieri) jew ukoll fuq is-servizzi pprovduti lil persuni oħra (lill-klijenti)?
- (2) Kumpannija tat-trasport li sempliċement tiprovoi trasport ta' persuni billi tiprovoi trasport bix-xarabank lil aġenziji tal-ivvjaġġar (mhux direttament lill-passiġġieri) u li ma tiprovdix servizzi oħra (akkomodazzjoni, informazzjoni, konsulenza eċċi), tista' titqies bħala aġenzijsa tal-ivvjaġġar għall-finijiet tal-Artikolu 306 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud?

(<sup>1</sup>) ĠU L 347, p. 1.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa minn Naczelný Sąd Administracyjny (ir-Repubblika tal-Polenja) fit-13 ta' Mejju 2011 — BGŻ Leasing Sp. z o. o. vs Dyrektor Izby Skarbowej w Warszawie**

(Kawża C-224/11)

(2011/C 219/11)

Lingwa tal-kawża: il-Pollak

**Qorti tar-rinvju**

Naczelný Sąd Administracyjny

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: BGŻ Leasing Sp. z o. o.

Konvenut: Dyrektor Izby Skarbowej w Warszawie

**Domandi preliminari**

- (1) L-Artikolu 2(1)(c) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KEE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1) għandu jiġi interpretat fis-sens li servizzi ta' ssigurazzjoni relatata ma' oggetto mogħi b'leasing u servizzi tal-leasing stess għandhom jiġu kkunsidrati bħala servizzi distinti, id-dispożizzjoni moqrija flimkien tal-Artikolu 135(1)(a) u tal-Artikolu 28 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandhom jiġi interpretati fis-sens li servizzi tal-assigurazzjoni relatata mal-oġġett mogħi b'leasing huwa eżenti mill-VAT meta min jaġhti l-leasing jassigura huwa stess l-imsemmi oġġett u jiffattura l-ispejjeż ta' din l-assigurazzjoni lil min jieħu l-leasing?
- (2) Jekk ir-risposta għad-domanda preċedenti hija fis-sens li servizzi ta' assigurazzjoni relatata ma' oggetto mogħi b'leasing u servizzi tal-leasing stess għandhom jiġu kkunsidrati bħala servizzi distinti, id-dispożizzjoni moqrija flimkien tal-Artikolu 135(1)(a) u tal-Artikolu 28 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandhom jiġi interpretati fis-sens li servizzi tal-assigurazzjoni relatata mal-oġġett mogħi b'leasing huwa eżenti mill-VAT meta min jaġhti l-leasing jassigura huwa stess l-imsemmi oġġett u jiffattura l-ispejjeż ta' din l-assigurazzjoni lil min jieħu l-leasing?

**Appell ippreżzentat fl-20 ta' Mejju 2011 minn Caixa Geral de Depósitos S.A. mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) fit-3 ta' Marzu 2011 fil-Kawża T-401/07, Caixa Geral de Depósitos vs Il-Kummissjoni**

(Kawża C-242/11 P)

(2011/C 219/12)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

**Partijiet**

**Appellant:** Caixa Geral de Depósitos, S.A. (CGD) (rappreżentant: N. Ruiz, avukat)